# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 97

18 ta' Marzu, 2019

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-1.37 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea– Viċi Sindku
Margaret Said – Kunsilliera
Marie Georgette Spiteri – Ambaxxattriċi għaż-Żgħażagħ

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Joseph Bajada – Kunsillier
Maria Cassar Sultana – Kunsilliera

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

**Aġenda Nru. 97**

97.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
97.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru. 94 – 8, Nru. 95 – 8 (Laqgħa b'Urġenza) u Nru. 96 – 8 (Laqgħa b'Urġenza);
97.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
97.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
97.5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv;
97.6 Il-pagament ta' Triq Bardan minn Miżura 4.3;
97.7 Ħruġ ta' Offerta mill-ġdid - Tender SNTLC 03/2019 Restoration of Rubble Walls in Ta' Sannat (Miżura 4.4);
97.8 Ħruġ ta' Offerta – Household Refuse Collection;
97.9 MedSNAIL Project;
97.10 Ilmenti u Suġġerimenti;
97.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 3/2019;
97.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku Philip Vella ippresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 97.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

97.1.1 Is-Sindku qal li ġie nfurmat mis-Segretarju Eżekuttiv u hu nforma lill-Kunsill li l-Kunsillieri Bajada u Cassar Sultana ma setgħux jattendu għal din il-laqgħa tal-lum b'apoloġija. Il-Kunsill laqa' din l-apoloġija.

## 97.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti

97.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħat preċidenti Nru. 94 – 8, Nru. 95 – 8 (Laqgħa b'urġenza) u Nru. 96 – 8 (Laqgħa b'urġenza) li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi, b'hekk dawn il-Minuti tat-tlett laqgħat ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 97.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

97.3.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv stħarġu fhiex waslet l-evalwazzjoni għar-riżultat tal-iskema ta' għajnuna għal attivitajiet kulturali fil-gżira Għawdxija fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex fejn il-Kunsill Lokali kien applika għal żewġ attivitajiet separati. Fuq dik tal-Għid li ser issir tlett ġimgħat oħra nhar il-Ħadd 7 ta' April 2019 u li s-sotto-kumitat tal-Kunsill diġa beda jaħdem fuq din l-attivita' dan peress li ż-żmien biex jittella' dan l-musical huwa wieħed qasir wisq, illum stess il-Kunsill għadu kemm irċieva mit-Taqsima tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex li se jibbenefika minn skema bl-isem Easter in Gozo l-ammont ta' €10,000.

97.3.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li sadanittant nhar il-Ġimgħa l-Kunsill ġie nfurmat li bbenefika minn applikazzjoni ta' għajnuna għal attivitajiet kulturali fil-gżira Għawdxija bl-isem EST EST EST wine festival l-ammont ta' €10,000.

97.3.3 Is-Sindku qal li kif kien intqal fil-laqgħat preċidenti dwar il-Kuntrattur Road Construction Ltd. fejn saru x-xogħolijiet fil-wiċċ ġdid bit-tarmak fi Triq l-20 ta' Lulju u li dan ix-xogħol f'din it-triq kien sar ħażin peress li partijiet mill-wiċċ bit-tarmak kien qed jinqala minħabba it-temperatura tat-tarmak meta ngħata. Dan ix-xogħol tat-tarmak sar mill-ġdid biss għadu irid jiġi irranġat l-parti tal-konkos tal-isqaq u xi bankini miksura. Dwar dan il-Kuntrattur diġa kien nfurmat. Il-major patching fi Triq Saguna ngħata ukoll, b'hekk dan ix-xogħol jkun tlesta meta jiġu rranġati dawn in-nuqqasijiet.

97.3.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar Sqaq Dun Nastas fi Triq Ta' Ċenc u x-xogħolijiet ta tisbiħ fi Triq l-Isqof Davide Cocco Palmieri l-Kunsill għadu qed jistenna mingħand id-DEPF (Planning Authority) biex jiġu ffirmati l-kuntratti biex b'hekk il-Kunsill ikun kiseb dawk il-fondi għal dawn il-proġetti.

97.3.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kuntrattur Gatt Tarmac Ltd. li kien rebaħ l-offerta SNTLC 01/2019 tal-kisi mill-ġdid bit-tarmak ta' Triq Sannat b'fondi mill-Ministeru għal Għawdex

preżenta l-ġaranzija bankarja kif kien mitlub u iffirma l-kuntratt mall-Kunsill u dan għandu jibda bix-xogħolijiet skond il-kuntratt nhar it-Tnejn 25 ta' Marzu 2019. Is-Sindku qal li se jikteb ittra lir-residenti kollha tal-lokalita' fejn se jinfurmahom b'dan il-proġett maġġuri u li se titqassam f'kull dar fil-ġranet li ġejjin.

97.3.6 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li minħabba l-maltemp l-attivita' tal-Karnival kif kien maqbul mill-Kunsill ma saritx is-Sibt 23 ta' Frar 2019 u għalhekk kellha ssir is-Sibt ta' wara 2 ta' Marzu 2019 fil-jiem tal-Karnival stess. Il-parteċipanti li kienu mistennija jattednu s-Sibt 23 ta' Frar mhux kollha pparteċipaw fl-attivita' tas-Sibt ta' wara.

97.3.7 Is-Sindku qal li attenda għal seminar informattiv dwar id-Development Planning Fund mill-Awtorita tal-Ippjanar. Hu qal li l-capping għal dan il-fond hu ta' €50,000 u li minn issa l-quddiem dawn il-fondi mhux se jibqgħu jkunu mogħtija totalment iżda 70% mill-Awtorita tal-Ippjanar u 30% mill-Kunsill.

## 97.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

97.4.1 Ma kienx hemm tweġibiet għall-mistoqsijiet mill-Kunsillieri preżenti.

## 97.5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

97.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li nhar l-Erbgħa 13 ta' Marzu sar l-awditjar mill-awditur fl-uffiċċju tal-Kunsill.

97.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kif kien intqal fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill, hu attenda laqgħa apposta dwar l-andament tal-ġbir tal-iskart organiku nhar il-Ġimgħa 8 ta' Marzu 2019 minflok it-Tnejn 11 ta' Marzu 2019 fejn fost oħrajn ġie diskuss li mill-lokalita' mhux qed jinġabar rekord ta' x'qed jinġabar volum ta' skart mill-Kuntrattur meta dan qed ibattal il-WasteServ għalhekk huma talbu li hija ħaġa mportanti li fil-kuntratt il-ġdid l-Kunsill għandu jieħu nkonsiderazzjoni biex jintalab dan. F'din il-laqgħa huma talbu wkoll jekk il-Kunsill hux ser jerġa jipprovdi s-servizz tal-ġbir tal-iskart domestiku l-borza s-sewda kull nhar ta' Sibt fis-sajf ċioe minn nofs Ġunju sa nofs Settembru ta' kull sena peress li din mhix skedata bil-liġi u b'hekk tkun b'riforma fil-liġi.

97.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dwar is-CCTV camera fil-Ġnien tal-Bidwi ġew nstallati mill-ġdid kif kien maqbul mill-Kunsill, biss għad hemm problema fl-ispeed tal-internet peress li dan ilu li sar u għalhekk hemm il-ħtieġa li dan jiżdied. Il-Kunsill qabel ma dan.

97.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li s-sistema tat-telefonija li tinsab fl-uffiċċju tal-Kunsill hija dik tal-Ozone u li din il-Kumpanija se tingħaqad mall-Kumpanija Melita. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu talab stima lill-Kumpanija Go p.l.c. peress li l-Kunsill diġa għandu diversi linji ma' Go p.l.c. biex dan is-servizz ukoll jinqaleb ma din il-Kumpanija. Il-Kunsill qabel ma dan.

97.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li nhar il-Ħamis 21 ta' Marzu fis-7.30 p.m. ser issir il-laqgħa tar-Reġjun fl-uffiċċju tagħhom. Is-Sindku qal li ser jattendi.

97.5.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li s-Sindku u hu ser jattendu għal seminar mid-DLG (SPI) bl-isem 'Skemi dwar stil ta' ħajja aħjar għaċ-cittadin' – stedina - Il-Gvern Lokali fuq l-Għatba tal-Kommunita nhar l-Erbgħa 3 ta' April 2019 fil-Qawra Malta.

97.5.7 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li d-DLG talab lill-Kunsilli Lokali f'Għawdex jekk għandux sala fejn jista jopera t-Tribunal, waiting area u kamra fejn jistgħu jiltaqgħu l-ħaddiema tat-Tribunal u l-uffiċjali tal-komunita ta' Għawdex, naturalment biex dan l-ispazju jiġi mikri mill-Kunsill b'miżata li tkun miftehma bejn iż-żewġ partijiet. Il-Kunsill qabel li għandu jinforma lid-DLG li għandu dawn ir-rekwiżii mitluba.

97.5.8 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li għandu jinħatar persuna biex tkun tista tgħamel ix-xogħol tal-Data Protection Officer. Il-Kunsill ma ħax deċiżjoni fuq dan.

97.5.9 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li attenda għal laqgħa dwar stħarriġ dwar Regolamenti dwar il-Harsien tas-Siġar u l-Imsagar (L.S.549.123) li ġie organizzat mill-ERA u li sar nhar it-Tlieta 12 ta' Marzu 2019.

97.5.10 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li ġie nfurmat mill-MEUSAC li hemm pre call għal Miżura 4.4 taħt il-program tal-EAFRD u li din x'aktarx titħabbar f'April li ġej.

97.5.11 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:
Ċirkulari Numru SPI 4/2019: Regolamenti dwar il-Ħarsien tas-Siġar u l-Imsaġar (L.S. 549.123)
Ċirkulari Numru SPI 5/2019: Rebbiegħa fil-Komunita' – Xettel b'Ilwien in-Natura.

## 97.6 Il-Pagament ta' Triq Bardan minn Miżura 4.3

97.6.1 Is-Sindku qal lill-Kunsill li wara li ġie ppreżentat il-kont ta' Triq Bardan mill-Kuntrattur u dan ġie biex jiġi ċċertifikat mill-Perit irriżulta li kien hemm ammont ta' xogħolijiet li jammontaw għal €14,410.52ċ li ma kienux eleġibli skond il-kuntratt maqbul mall-applikazzjoni li kienet saret ma' ARPA u għalhekk irriżulta li dawn għandhom jitħallsu mill-fond tal-Kunsill. Apparti dan il-Kunsill ried iżid l-ammont ta' 10% tal-kont li kien eleġibli skond il-kuntratt u li dawn kienu jammontaw għal valur ta' €4,599.30ċ. B'hekk il-Kunsill kellhu jittrasferixxi l-ammont ta' €19,010 fil-kont miftuħ apposta tal-Bank Ċentrali biex il-Kuntrattur li għamel dan ix-xogħol ikun jista jitħallas. Huwa qal li saret laqgħa apposta dwar dan fejn preżenti kien hemm uffiċjali mill-ARPA, Paying Agency rappreżentat mill-Uffiċju tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, il-Perit tal-Kunsill, is-Segretarju Eżekuttiv u hu. Dan il-kont ġie mgħoddi lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-ivvetjar u biex jgħaddi għal proċess li jkun imis għand il-Paying Agency biex ikun jista jsir il-ħlas lill-Kuntrattur.

## 97.7 Ħruġ ta' Offerta mill-ġdid – Tender SNTLC 03/2019 Restoration of Rubble Walls in Ta' Sannat (Miżura 4.4)

97.7.1 Is-Sindku qal li wara li saret l-laqgħa apposta b'urġenza fuq Terder SNTLC 02/2019 Restoration of Rubble Walls in Ta' Sannat minn Miżura 4.4, l-Kunsill ser jkollu jerġa joħroġ l-offerta mill-ġdid bin-numru SNTLC 03/2019 Restoration of Rubble Walls in Ta' Sannat. Il-Kunsill qed jistenna li jgħaddu l-għaxar t'ijem, iż-żmien tal-appell biex b'hekk ikun jista joħroġ din is-sejħa. Din is-sejħa se tiġi ppublikata fil-Gazzetta tal-Gvern nhar it-Tlieta 26 ta' Marzu 2019 u tgħalaq fid-9.30 a.m. ta' nhar it-Tlieta 16 ta' April 2019. Il-Kunsill qabel li l-bord kompost ta' din l-offerta għandu jkun l-istess wieħed biex meta tgħalaq dan il-bord jkun jista jevalwa u jaġġudika din l-offerta.

## 97.8 Ħruġ ta' l-Offerta – Household Refuse Collection

97.8.1 Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv nfurmaħ li l-offerta tal-Household Refuse Collection se tagħlaq nhar it-30 ta' Ġunju 2019. Din l-offerta kienet bejn tlett Kunsilli Lokali dak tax-Xewkija, tax-Xagħra u tagħna. Il-Kunsill diġa avviċina lil dawn il-Kunsilli biex jara jekk dawn il-Kunsilli humiex interessati li din l-offerta terġa toħroġ flimkien biex b'hekk ikollna prezz raġjonevoli u l-Kunsilli rispettivi jibdew jippreparaw din l-offerta. Dwar dan il-Kunsill għandu jirċievi risposta biex b'hekk tkun tista terġa toħroġ offerta waħda flimkien. Dwar dan is-Segretarju Eżekuttiv għandu jiltaqa mas-Segretarji Eżekuttivi tax-Xaghra u tax-Xewkija biex toħrog offerta waħda u li tkun tista tiġi mġedda sena b'sena għal erba' snin. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 97.9 MedSNAIL Project

97.9.1 Is-Sindku qal li ġie avviċinat minn kumpanija (M.I.E.M.A.) Malta Intelligent Energy Managment Agency biex il-Kunsill ikun jista jipparteċipa fi proġett b'fondi ewropej bl-isem MedSNAIL. Hu qal li dan qed jinvolvi tlett pajjizi mill-Unjoni Ewropeja Spanja, l-Italja u Malta u erba' pajjizi msieħba li huma Libanu, Ġordan, Palestina u t-Tuneżija li juri varjeta rikka ta prodotti agroalimentari, rappreżentanti tad-dieta tal-mediterran, li għandha għeruq profondi fil-kultura u l-biodiversita lokali. Dawn it-territorji għandhom sfidi soċjoekonomiċi u ambjentali komuni fis-settur aġroalimentari. MedSNAIL timmira li tindirizza dawn il-kwistjonijiet billi trawwem il-valorizzazzjoni u tiżviluppa ktajjen tradizzjonali fuq skala żgħira ta valur agroalimentari bl-użu ta' potenzjal tas-suq imtejjeb u sostenibilita soċjoambjentali. L-attivitajiet tal-proġett se jibnu fuq l-esperjenża stabilita' sew, il-prinċipji u l-metodi tas-SlowFood, organizzazzjoni nternazzjonali bażika li tipromwovi l-ikel tradizzjonali b'attenzjoni qawwija fuq il-preservazzjoni tal-biodiversita. Il-Kunsill qabel ma din il-parteċipazzjoni f'dan il-proġett.

## 97.10 Ilmenti u Suġġerimenti

97.10.1 Ilment biex isiru *stop signs* f' Sannat Junction speċjalment fi Triq Xewkija u *road markings* biż-żebgħa.

97.10.2 Fit-18 ta' Frar 2019, resident minn Triq Dun Luqa talab li jitwal id-*double yellow line* ta' quddiem id-dar tiegħu dan għaliex ikollu problema biex jipparkja l-karozza ġol-garage.

97.10.3 Fid-19 ta' Frar 2019, resident minn Triq Bebunaq talab li ssir bankina għal-ewwel darba. Din it-talba ntbagħtet bis-sistema tal-MGOZ.

97.10.4 Il-Kunsill irċieva ilment rigward ħitan tas-sejjieħ tal-għelieqi mġarrfin fit-Triq ta' Mgarr ix-Xini u li dawn idealment jittranġaw qabel is-sajf.

97.10.5 Fis-6 ta' Marzu 2019, il-Kunsill irċieva ilment biex fi Triq Marsilja jsiru double yellow lines quddiem residenza dan għaliex is-sid ma jkunx jista' joħroġ l-għodda bħal scaffolding, fallakki u travetti min ġol-garage. Il-Kunsill qal li dan mhux garaxx għalhekk ma tistax issir talba għal dan.

97.10.6 Il-Kunsill irċieva e-mail rigward koppja li jixtiequ jagħmlu r-reception tat-tieġ tagħhom fil-bajja ta' Imgarr ix-Xini f'Settembru. Il-Kunsill għaddielhom kopja tal-Bye Laws għal dan l-avveniment.

97.10.7 Fil-11 ta' Marzu 2019, resident minn Triq Gerxija talab li ssir *stop sign* fl-art biex dawk li jkunu ħerġin min din it-triq għal Triq l-10 ta' Ottubru jieqfu. Dan ir-resident qed jitlob ukoll li ssir mera oħra fejn turi lil min ikun ġej min-naħa ta' fuq. Il-Kunsill għandu jitlob lill-Transport Malta dwar dan is-suġġeriment utli u li titwaħħal mera fejn meħtieġ.

97.10.8 Is-Sindku qal li ġie avviċinat minn resident minn Triq Saguna fejn talab li jsiru double yellow lines mall-garaxx peress li ma jkunx jista jidħol u joħroġ bil-vettura bil-kumidita. Il-Kunsill għandu jghamel talba lill-Transport Malta

97.10.9 Is-Sindku qal li persuna avviċinatu u qaltlu biex fi Triq tal-Gruwa titwaħħal mera, hu qal li għandu jara fejn trid tiġi nstallata eżatt. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

## 97.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 3/2019

97.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti Nru. 3/2019 biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 97.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

97.12.1 Il-laqgħa ntemmet 2.25 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 16 ta' April 2019, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 16 ta' April 2019

(iffirmata)

Philip Vella
Sindku

(iffirmata)

Jason Curmi
Segretarju Eżekuttiv